MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru 286/1993

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Emanuel sive Noel Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija kontra Emanuel sive Noel Scicluna, bin Emanuel u Carmela nee’ Micallef, imwieled Floriana fl-24 ta’ Jannar, 1956, l-ahhar indirizz maghruf 93, Triq il-Miratur, Floriana u li ghandu karta ta’ Identita’ bin-Numru: 73456(M) talli:

F’dawn il-Gzejjer, matul l-1992, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn somom ta’ flus li globalment jeccedu d-disa’ mitt lira Maltin (Lm900), liema somom kienu jappartjenu lil B.A.S. Ltd u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba

depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnhom specifikat.

Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi mhux hati ghall-akkuza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-imputat ghamel zmien jahdem ma’ kumpanija bl-isem ta’ Gazelle Couriers, kien involut ukoll f’xi club tal-football fejn allura kien jinkombi fuqu illi jakkwista biljetti ta’ l-ajru ghal xi vjaggi illi kienu jaghmlu membri ta’ dan il-club. Huwa kien ikkuntattja lid-ditta Cassar and Cooper sabiex jottjeni l-biljetti u peress illi kien hemm certa fiducja bejn l-imputat u d-ditta Cassar and Cooper, din ta’ l-ahhar kienet tikkonsenja l-biljetti minghajr ma titlob il-hlas dak il-hin.

Gara, illi wara li kien xtara ammont ta’ biljetti illi kienu jiswew mad-disa’ mitt lira Maltin (Lm900), l-imputat siefer minn dawn il-Gzejjer u baqa’ msiefer ghal xi zmien. Izda s-socjeta’ Cassar and Cooper baqghet ma rcevietx il-flus taghha, dana nonostante illi l-imputat lahaq gabarhom minghand il-membri tal-club illi kienu ser isiefru u ghal min kienu ntizi dawk il-biljetti.

Meta l-imputat gie lura, gie ntervistat mill-ex Spettur Kevin Ellul Bonici, fejn a fol. 31 jaghti spjegazzjoni ta’ l-investigazzjonijiet tieghu. Jghid illi huwa kellem lill-imputat fil-11 ta’ Ottubru, 1993 u kkonferma illi kien xtara biljetti minghajd Cassar and Cooper ghan-nom tal-Floriana Football Club. Ikkonferma wkoll illi kien gabar il-flus minghand il-club. Qal illi kellu jitlaq minn Malta ghal gharrieda, izda ma qalx ghal x’hiex u qabel ma siefer halla l-flus u affarijiet ohra ghand persuna Malta. Meta gie lura kkuntattja lil missier il-mara tieghu, Joseph Cassar, u qallu

biex jikkuntattja lil Cassar and Cooper u jhallas il-flus dovuti, kif fil-fatt gara.

B'ittra datata 4 ta' Settembru, 1993 [fol. 83] l-avukat tas-socjeta' Cassar and Cooper kiteb lis-Supretendent Daniel Gatt fejn infurmah li l-kwistjoni ma' l-imputat giet sorvolata peress illi, " ... the matter was the result of some misunderstanding between the Football Club and the said Scicluna. The amount involved, nine hundred and eight Malta liri has now been collected by creditor firm." L-ittra tkompli tghid illi l-kumpanija kienet qeda titlob illi l-kaz jigi formalment irtirat.

L-imputat qed jigi addebitat b'reat fil-kuntest ta' l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taht it-titolu 'Appropriazzjoni Bla Jedd'. Minkejja illi dan l-artikolu jghid illi l-ebda procediment krinimali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt hlief bi kwerela tal-parti, l-artikolu 294 jghid illi meta jkun hemm aggravju, allura f'dan il-kaz l-azzjoni kriminali titmexxa ex-officcio u r-rinunzja tal-parti leza f'dan il-kaz ma tapplikax.

L-akkuza ta' l-imputat tinkorpora cirkostanzi aggravanti u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi rtirata permezz ta' l-itra fuq imsemmija, ghad illi jista' jkollha xi konsegwenzi fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi kien minnu illi l-imputat gabar flus illi ma kienux destinati ghalih u kellu l-obbligu illi jirritorna dawn il-flus lid-destinatarju u cioe' Cassar and Cooper. Dan m'ghamlux u minflok fada l-flus f'idejn terz mhux awtorizzat. F'dan l-istadju, allura ir-reat gie kkonsmat peress illi l-imputat kien konsapevoli ta' dak illi kien qieghed jaghmel. L-aspett materjali tar-reat jissustissi meta l-imputat, wara li jkun gabar il-flus, li ma jappartenux lilu, izda f'dati lilu bi skop partikolari, jghaddihom lil terzi u mhux lid-destinatarju. B'hekk, allura, jkun kiser l-obbligu illi huwa kellu illi l-flus imorru direttament ghand min kienu ntizi.

L-element intenzjonali tar-reat huwa wkoll sodisfatt peress illi kif inghad, l-imputat kien konsapevoli ta’ dak li kien qieghed jaghmel.

Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati talli f’dawn il-Gzejjer, matul l-1992, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn somom ta’ flus li globalment jeccedu d-disa’ mitt lira Maltin (Lm900), liema somom kienu jappartjenu lil B.A.S. Ltd u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnhom specifikat.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, l-Qorti thoss illi l-ittra tal-konsulent tad-ditta Cassar and Cooper illi taghha B.A.S. Limited hija sussidjarja, ghandha jkollha certa piz, specjalment meta l-istess kumpanija iddikjarat li l-kaz kollu kien xi *misunderstanding* bejnithom u issa illi ghadda ammont ta’ snin, mhux tort ta’ l-imputat, mhux sewwa li tinghata piena iebsa u minflok, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tillibera lill-imputat taht il-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------